

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tas-6 ta' Diċembru 2013****li tistabbilixxi l-format għan-notifika tal-informazzjoni dwar l-adozzjoni u r-reviżjonijiet sostanzjali tal-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart u l-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart***(notifikata bid-dokument C(2013) 8641)***(Test b'relevanza għaż-ŻEE)***(2013/727/UE)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 33(2) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2008/98/KE l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistabbilixxu pjan għall-immaniġġjar tal-iskart wieħed jew iktar li jkopri/u t-territorju ġeografiku kollu tal-Istat Membru kkonċernat.
- (2) Barra minn hekk, sa mhux aktar tard mit-12 ta' Diċembru 2013, l-Istati Membri jridu jistabbilixxu programmi ta' prevenzjoni tal-iskart skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/98/KE.
- (3) Sabiex tiġi ffaċilitata s-sottomissjoni tal-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni u r-reviżjonijiet sostanzjali ta' daww il-pjanijiet u programmi, għandu jiġi adottat il-format għan-notifika ta' informazzjoni bħal din.

- (4) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jużaw il-formats stabbiliti fl-Annessi I u II ta' din id-Deċiżjoni biex jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-informazzjoni tal-adozzjoni u r-reviżjonijiet sostanzjali tal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-iskart u l-programmi ta' prevenzjoni tal-iskart imsemmija fl-Artikoli 28 u 29 tad-Direttiva 2008/98/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Janez POTOČNIK

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

ANNEX I

FORMAT GĦAN-NOTIFIKA TAL-INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI U R-REVIŻJONIJIET SOSTANZJALI TAL-PJANIJIET GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART

Isem il-pjan:

.....

Korp amministrattiv (isem, indirizz, posta elettronika, u dettalji oħra tal-kuntatt kif meħtieġ) responsabbli mill-adozzjoni/reviżjoni tal-pjan:

.....

Indirizz elettroniku għal sit tal-Internet aċċessibbli għall-pubbliku tal-pjan:

.....

Korp amministrattiv (isem, indirizz, posta elettronika, u dettalji oħra tal-kuntatt kif meħtieġ) li għandu fidejnh il-koordinazzjoni tal-informazzjoni pprovduta f'din il-formola:

.....

Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa applikabbli:

- Adozzjoni ta' pjan ġdid ta' mmaniġġjar tal-iskart
- Reviżjoni sostanzjali ta' pjan ta' mmaniġġjar tal-iskart

(Importanti: Jekk jogħġbok indika n-numru/i tal-paġna/i rilevanti tal-pjan notifikat u/jew tad-dokument ta' referenza għal kull mistoqsija)

1. Informazzjoni ġenerali

1.1. Data tal-adozzjoni/reviżjoni (xahar/sena):

1.2. Il-pjan ikopri t-territorju kollu tal-Istat Membru?

- Iva
- Le

Jekk le, jekk jogħġbok indika liema partijiet tat-territorju mhumiex koperti u agħti r-raġunijiet:

.....

1.3. X'inhu l-ambitu tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-iskart?

- Il-flussi kollha tal-iskart
- Skart solidu muniċipali
- Skart perikoluż
- Flussi ta' skart speċifiku Jekk jogħġbok speċifika:

Jekk il-pjan ma jkoprix il-flussi kollha tal-iskart, jekk jogħġbok indika l-pjanijiet addizzjonali rilevanti:

.....

1.4. Il-pjan huwa konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/98/KE?

- Iva
- Le

Jekk le, jekk jogħġbok indika r-raġunijiet:

.....

1.5. Il-pjan huwa mfassal f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE?

- Iva
- Le

Jekk le, jekk jogħġbok speċifika mil-liema flussi tal-iskart il-pjan qed jiddevja mill-ġerarkija tal-iskart u r-raġunijiet għal dawn id-devjazzjonijiet:

.....

1.6. Il-pjan jinkludi programmi għall-prevenzjoni tal-iskart?

- Iva
 Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika l-indirizzi tal-Internet rilevanti:

.....

1.7. Kif ipparteċipaw il-partijiet interessanti u l-awtoritajiet rilevanti u l-pubbliku ġenerali fl-elaborazzjoni tal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-iskart u l-programmi ta' prevenzjoni tal-iskart?

.....

2. Informazzjoni dwar l-iskemi ta' ġbir u l-installazzjonijiet tat-trattament tal-iskart

2.1. Il-pjan jivvaluta l-ħtieġa għal skemi ġodda ta' ġbir u stallazzjonijiet ewlenin għar-rimi/irkupru u investimenti relatati?

- Iva
 Le

2.2. Il-pjan jipprovi informazzjoni dwar il-post tar-rimi ppjanat jew l-installazzjonijiet ta' rkupru ewlenin u l-kriterji tal-għażla ta' dak il-post?

- Iva
 Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fejn huma stabbiliti dawn il-kriterji fil-pjan:

.....

3. Informazzjoni dwar miri relatati tal-iskart:

3.1. L-imballaġ u l-iskart tal-imballaġ huma koperti mill-pjan (l-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE ⁽¹⁾)?

- Iva
 Le

3.2. Il-pjan jistabbilixxi strateġiji jew miżuri għall-implementazzjoni tat-tnaqqis tal-iskart bijodegradabbli li jintefa' fil-miżbliet (l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE ⁽²⁾)?

- Iva
 Le

3.3. Il-pjan jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-miri ta' diverżjoni bijodegradabbli tal-miżbla?

- Iva
 Le

3.4. Il-pjan jevalwa l-utilità u l-adekwatezza tal-istrumenti ekonomiċi u strumenti oħrajn, eż. it-taxxi tal-miżbliet, fl-indirizzar tal-kwistjonijiet tal-iskart?

- Iva
 Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika liema strumenti ekonomiċi u miżuri relatati ġew inklużi fil-pjan:

.....

⁽¹⁾ ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10.

⁽²⁾ ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.

ANNEX II

FORMAT GĦAN-NOTIFIKA TAL-INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI U R-REVIŻJONIJIET SOSTANZJALI TAL-PROGRAMMI GĦALL-PREVENZJONI TAL-ISKART

Isem il-programm

.....

Indirizz elettroniku għal sit tal-Internet aċċessibbli għall-pubbliku għal dan il-programm:

.....

Korp amministrattiv (isem, indirizz, posta elettronika, u dettalji oħra tal-kuntatt kif meħtieġ) responsabbli mill-adozzjoni/reviżjoni tal-programm:

.....

Korp amministrattiv (isem, indirizz, posta elettronika, u dettalji oħra tal-kuntatt kif meħtieġ) li għandu fidejha il-koordinazzjoni ta' dawn it-tweġibiet:

.....

Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa applikabbli:

- Adozzjoni ta' pjan ġdid ta' prevenzjoni tal-iskart
- Reviżjoni sostanzjali ta' programm ta' prevenzjoni tal-iskart ⁽¹⁾

Fkaż ta' notifika ta' reviżjoni sostanzjali ta' programm ta' prevenzjoni tal-iskart, liema pjan/programm tirreferi għalih din ir-reviżjoni?

Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor l-ambitu u l-elementi ewlenin tar-reviżjoni, billi tindika fejn jistgħu jinstabu l-elementi riveduti fil-programm ta' prevenzjoni tal-iskart:

.....

(Important: Jekk jogħġbok indika n-numru/i tal-paġna/i rilevanti tal-programm notifikat u/jew id-dokument ta' referenza relatat ma' kull mistoqsija)

1. Tagħrif ġenerali

1.1. Data tal-adozzjoni/reviżjoni (xahar/sena):

1.2. Il-programm ikopri t-territorju kollu tal-Istat Membru tiegħek?

- Iva
- Le

Jekk le, jekk jogħġbok indika liema partijiet tat-territorju mhumiex koperti u aġti r-raġunijiet:

.....

1.3. Il-programm huwa integrat fi pjan ta' mmaniġġjar tal-iskart?

- Iva
- Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika l-pjan(ijiet) ta' mmaniġġjar tal-iskart:

.....

⁽¹⁾ Applikabbli biss jekk ikun diġà ġie notifikat programm ta' prevenzjoni tal-iskart lill-Kummissjoni Ewropea.

1.4. Il-programm huwa inkluż fi programm(i) ta' politika ambjentali ieħor/oħrajn?

Iva

Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika l-programm(i):

.....

2. Informazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart

2.1. Il-programm jiddeskrivi miżuri ta' prevenzjoni eżistenti?

Iva

Le

2.2. Il-programm jistabillixxi miri ta' prevenzjoni tal-iskart?

Iva

Le

2.3. Sa liema punt dawn l-għanijiet u miżuri għandhom fil-mira id-diżakkoppjament tat-tkabbir ekonomiku mill-impatti ambjentali tal-ġenerazzjoni tal-iskart?

.....

2.4. Il-programm jispeċifika punti ta' riferiment kwantitattivi u/jew kwalitattivi għall-miżuri adottati ta' prevenzjoni tal-iskart?

Iva

Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk humiex kwalitattivi u/jew kwantitattivi u n-numru/i rilevanti tal-paġna/i:

.....

2.5. Il-programm jiddetermina miri u indikaturi kwalitattivi u/jew kwantitattivi speċifiċi?

Iva

Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk humiex kwalitattivi u/jew kwantitattivi u n-numru/i rilevanti tal-paġna/i:

.....
